**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 13/2020 JZM**

**Mario Borg [K.I. 90965M) fil-kwalita` tieghu ta` Direttur u ta` Rapprezentant Legali tal-kumpannija Kaymed Limited (C29196M)**

***kontra***

1. **Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

2. **Jason Scicluna (K.I. 514473M) fil-kwalita` tieghu bhala stralcjatarju tal-kumpannija Kaymed Limited [C29196M]**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

**Rat ir-rikors li kien prezentat fil-<u>21 ta` Mejju 2020</u> fejn jinghad :-**

*Illi l-kumpannija Kaymed Limited giet inkorporata f`Malta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta` Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) mar-Registratur tal-Kumpanniji, bin-numru C29196 u li kellha l-ufficcju rregistrat Regent Group, Villino Chapelle, Mosta Road, San Pawl il-Bahar, Malta.*

*llli fl-ghoxrin (20) ta` Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-imsemmija kumpannija giet imhassra mir-Registratur tal-Kumpanniji (ara kopja tan-Notifika mahrug mir-Registratur tal-Kumpaniji hawn anness u mmarkat Dok A).*

*Illi skont l-informazzjoni miksuba mill-Malta Business Registry, Mario Borg kien jopera fil-kwalita` ta` Direttur, ta` Rapprezentant Legali u ta` azzjonist tal-kumpanija Kaymed Limited (C29195M). Illi flimkien mal-istess Mario Borg kien hemm ukoll Carmel Facciol bhala azzjonist rimanenti tal-kumpannija Kaymed Limited (C29196M).*

*IIli fis-sebgha (7) ta` Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009), permrezz ta` kuntratt ta` self u bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia, il-kurnpannija Kaymed Limited (C29196M) - dak iz-zmien maghrufa bhala Kaymed Company Limited [C29196M) - dehret fuq l-istess kuntratt bhala venditrici tal-penthouse bin-numru erbatax (14), Regent Court, Triq il-Hgejjeg, Bugibba b`dan illi bieghet l-istess proprjeta` lill-konjugi Victor u Allison Bajada. (Vide Dok B).*

*Illi dakinhar ta` dan il-bejgh, fuq il-kuntratt citat kienu dehru Mario Borg u Raymond Camilleri bhala Diretturi tal-istess kumpannija venditrici.*

*Illi wahda mill-kundizzjonijiet kuntrattwali li saret f`dan il-bejgh kienet dik fit-tieni parti tal-kuntratt fejn intqal illi :*

*"No structural alterations may be carried out in the Penthouse except with the consent of an architect responsible for the project itself and with the consent of the Vendor."*

*Illi jirrizulta ghalhekk illi l-kumpannija giet straljcjata, minghajr ma wiehed ha konjizzjoni ta` din il-kundizzjoni u fuq min ser jigi tigi ddelegat dan id-dritt fil-kaz li jkun hemm stralc.*

*llli s-socjeta` r-rikorrenti ghandha interess illi d-distribuzzjoni ta` dan id-dritt fuq il-penthouse, bl-indirizz bin-numru erbatax (14), Regent Court, Triq il-Hgejjeg Bugibba jigi rrettifikat ai termini tal-Artikolu 300A tal-Att Dwar il-Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni ta`din il-kumpanija billi jigi nkluz id-dritt surreferit u cioe` l-kundizzjoni li : "No structural alterations may be carried out in the Penthouse except with the consent of an architect responsible for the project itself and with the consent af the Vendor" : fil-kuntratt tas-sebgha [7] ta` Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-atti tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia.*

*2. Tordna l-istralcjarju sabiex ihejji skema ta` distribuzzjoni rettifikata li tinkludi dan id-dritt u jigi assenjat lura lill-istess socjeta` rikorrenti.*

*3. Li jigi awtorizzat li tghaddi r-rezoluzzjoni gdida tal-azzjonisti tal-kumpannija Kaymed Limited fejn tigi approvata skema ta` distribuzzjoni rattifikata skont id-domanda precedenti u jigi assenjat l-imsemmi dritt lill-istess socjeta`.*

*4. Li jigi ordnat lill-istess stralcjarju jipprezenta lill-Registratur skema ta` distribuzzjoni kif irrettifikata flimkien mar-rezoluzzjoni imsemmija fid-domanda precedenti.*

*5. Li jigi ordnat lill-intimat Registratur tas-Socjetajiet li jaccetta iskema ta` distribuzzjoni kif irrettifikata flimkien mar-*

*rezoluzzjoni imsemmija fid-domanda precedenti u tawtorizza lill-istess Registratur jiehu kwalunkwe passi mehtiega skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa huma ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

**Rat id-digriet illi tat fit-8 ta` Gunju 2020 fejn fl-ewwel lok ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-intimati li nghataw zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezentaw risposta, u fejn fit-tieni lok ir-rikors kien appuntat ghal nhar it-Tlieta 1 ta` Settembru 2020 fl-10.00 a.m. ghall-provi tar-rikorrent noe.**

**Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Registratur tal-Kumpanniji fis-27 ta` Lulju 2020 li taqra hekk :-**

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali ta` din il-kawza l-intimat jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju abli ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi wara illi r-registratur ircieva d-dokumentazzjoni mibghuta lilu ghax-xoljiment u ghall-kancellament tal-kumpannija Kaymed Limited (C29196), wara li kkonferma illi huma konformi mal-ligi, huwa mexa sabiex irregistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi ghalhekk wara illi rregistra d-dokumentazzjoni mibghuta mill-istralcjarju l-esponent pproceda sabiex, fil-20 ta` Dicembru 2017 jippubblika l-avviz illi l-kancellament tal-kumpannija kellu jigi fis-sehh f`gheluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviz imsemmi.*

*Illi minkejja tali pubblikazzjoni hadd ma ghamel xi tip ta` oggezzjoni ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija.*

*Illi, ta` min jinnota, illi l-imsemmija socjeta` giet mhassra voluntarjament wara li giet xjolta fil-31 ta` Dicembru 2015 u kancellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji bi procedura mibdija mir-rikorrenti stess.*

*Illi wara l-kancellament, ir-rikorrenti fir-rikors promotur qallu li ndunaw illi certi drittijiet specifici marbuta mal-immobbli ma gewx meqjusa.*

*Illi fil-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu illi sabiex l-istralc jerga` jinfetah mill-gdid u konsegwentement tkun tista` tigi rettifikata l-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija billi jittiehdu in konsiderazzjoni d-drittijiet miftehma li thallew barra.*

*Illi l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralc ta` kumpannija ma jkunx gie ikkalkolat xi assi tal-kumpannija u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti ghandha interess, tista` permezz ta` rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distrbuzzjoni taht dawk id-direttivi u kondizzjonijiet illi huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz illi jkollha quddiemha.*

*Illi f` kaz ta` stralc volontarju, l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralcjarju huma iktar onoruzi. Ghaldaqstant l-istralcjarju jrid jassigura ruhhu illi l-affarijiet gew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u kondizzjonijiet miftehmin tal-kumpannija partikolarment fuq dawk immobli jkunu verament ghaddew, qabel ma jghaddi ghas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali.*

*Illi l-esponent, bla preguddizju ghas-suespost, ihoss illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan r-rimedju eccezzjonali, ghandhom jigu stabbiliti b`mod car l-iskop u l-perjodu kif ukoll jinghataw direttivi u kondizzjonijiet kollha li hemm bzonn f`dan il-kaz u dan sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bzonn.*

*Illi l-intimat Registratur m` ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

**Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Jason Scicluna fid-29 ta` Lulju 2020 u li taqra hekk :-**

*1. Illi qabel xejn jirrileva illi Dokument A imsemmi fil-premessi tar-rikors promotur ma hux il-Kopja tan-Notifika mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji li turi li l-kumpannija msemmija giet imhassra u ghalhekk ikun opportun illi qabel xejn tigi ppprezentata tali kopja.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost fl-inkarigu tieghu ta` stralcjarju l-esponenti mexa fuq dak li ddikjara l-istess rikorrenti Mario Borg fid-dikjarazzjoni tieghu fuq Form B(2) u "statement of affairs" maghha anness (Dok. JS1).*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jidher car illi kien l-istess rikorrenti li issa qed iressaq il-kawza odjerna li naqas li jindika b`xi mod l-allegata kondizzjoni kontrattwali.*

*4. Illi fl-ebda mument lanqas meta saret l-iskema ta` distribuzzjoni mill-esponenti ma giet indikata lilu l-allegata kondizzjoni kontrattwali mertu tal-kawza odjerna.*

*5. Illi fl kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma jahti xejn ghall-allegat nuqqas u ghalhekk ma ghandux isofri l-ebda spejjez.*

*6. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda

Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Semghet ix-xiehda ta` Alison Bajada fl-udjenza tal-1 ta` Settembru 2020, u rat id-dokumenti li pprezentat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Settembru 2020.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent u dik tal-intimat Scicluna fl-istess udjenza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

### 1. Il-kumpannija

Kaymed Limited (gia` Kaymed Company Limited) kienet registrata fit-28 ta` Jannar 2002 bin-nru. C29196. L-indirizz taghha kien : Regent Group, Villino Chapelle, Mosta Road, San Pawl il-Bahar. L-azzjonisti taghha kienu r-rikorrent Mario Borg (600 sehem) u Carmel Facciol (400 sehem). Tal-ewwel kien ukoll l-uniku direttur, kellu r-rapprezentanza legali u kien ukoll segretarju.

### 2. Xoljiment u stralc volontarju

Il-kumpannija kienet xjolta volontarjament b`risoluzzjoni tal-azzjonisti. Kien mahtur l-intimat Jason Scicluna bhala stralcjarju. Wara li l-operat tieghu kien approvat mill-azzjonisti, l-istralcjarju ghadda d-dokumentazzjoni mehtiega lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex dan ighaddi ghat-thassir tal-kumpannija mir-Registru.

### 3. Ir-Registratur

Id-dokumenti li wassal l-istralcarju ghand ir-Registratur kienu verifikati u wara li kien ikkostatat li kull ma kien prezentat kien skont il-ligi, kienu debitament registrati. Minn hemm bdiet il-procedura tat-

thassir tal-isem. Fl-20 ta` Dicembru 2017 kien pubblikat l-avviz tat-thassir. Fit-terminu legali ta` tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviz, ebda persuna ma rregistrat oggezzjoni ghat-thassir tal-isem. It-thassir tal-isem sar fl-20 ta` Marzu 2018.

## 4. **<u>Xiehda</u>**

### a) **<u>Alison Bajada</u>**

**<u>Alison Bajada</u>** xehdet illi permezz ta` kuntratt tas-7 ta` Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia, hi u zewgha Victor Bajada xtraw u akkwistaw minghand Kaymed Company Limited il-penthouse nru 14, Regent Court, Triq il-Hgejjeg, Bugibba. Ghalkemm kienet akkwistata l-arja, fil-kuntratt kienet inserita klawsola li tghid : "*No structural alterations may be carried out in the Penthouse except with the consent of an architect responsible for the project itself and with the consent of the Vendor*."

Kompliet tghid illi riedu jaghmlu xogholijiet u ssemmiet din il-klawsola. Sar kuntatt ma` Ray Vella li kien il-partner fin-negozju tar-rikorrent u kienet infurmata li sabiex jinghata l-permess ghax-xogholijiet kellhom ihallsu xi flus. In segwitu saru jafu li l-kumpannija kienet thassret mir-Registru. Hija dejjem ittrattat ma` Ray Vella mhux mar-rikorrent.

Stqarret li minflok ghamlu x-xogholijiet huma hadu d-decizjoni li jbieghu l-penthouse. Fil-fatt fl-14 ta` Ottubru 2019 sar konvenju ma` Noel u Holena konjugi Agius. Maghhom qamet il-kwistjoni tal-permess li kien mehtieg biex isiru xogholijiet. Kien iccarat li l-permess li kien mehtieg ma kienx tal-konjugi Bajada izda ta` min kien biegh lilhom u cioe` Kaymed Limited. Rega` sar kuntatt ma` Ray Vella u dan talabhom €10,000 ghall-permess. Xehdet illi wara li tkellmu mal-konjugi Agius accettaw li tithallas is-somma li kienet mitluba : nofs mill-konjugi Bajada u nofs mill-konjugi Agius. Din l-accettazzjoni kienet inkorporata fi skrittura tal- tal-1 ta` Gunju 2020 li biha kien modifikat il-konvenju tal-14 ta` Ottubru 2019. Dan sar ghaliex il-konjugi Agius qeghdin jinsistu li huma jixtru biss jekk titnehha l-klawsola tal-permess. Il-konvenju jiskadi fl-1 ta` Marzu 2021. Hi u zewgha ghandhom interess f`din il-kawza ghax l-esitu taghha jaffettwahom b`mod dirett.

**b) Ir-rikorrent**

Xehed illi l-kumpannija kienet zviluppatur tal-bini. Kienet tixtri l-art, tibni u tbiegh. Fost il-persuni li xtraw minghandhom kien hemm Victor u Alison konjugi Bajada li akkwistaw il-penthouse in kwistjoni b`kuntratt tas-7 ta` Mejju 2009.

Qal illi fil-kuntratti kienet tidhol il-klawsola in kwistjoni sabiex jekk f`binja komposta minn diversi fondi jigu biex isiru alterazzjonijiet strutturali il-persuni koncernati jitolbu l-permess tal-kumpannija qabel isir ix-xoghol. Ghalihom kienet haga normali li jaghmlu din il-klawsola sabiex jipprevjenu li jsiru xogholijiet strutturali li jista` jkollhom effett fuq fondi ohra. Ghalhekk il-permess tal-kumpannija kien rikjest.

Ikkonferma li lill-intimat Scicluna, li kien mahtur stralcjarju meta kienet xjolta l-kumpannija, ma qalulux bil-klawsola in kwistjoni. Ghalhekk ma kienx jaf biha.

Stqarr illi meta saret il-likwidazzjoni tal-kumpannija l-klawsola in kwistjoni "*qabzitilhom*" (kliem ix-xhud). Din il-kawza saret anke minhabba l-konjugi Bajada.

**c) L-intimat Jason Scicluna**

Xehed illi l-professjoni tieghu hija dik ta` accountant. Kien inhatar stralcjarju ta` Kaymed Limited li kienet giet xjolta b`mod volontarju mill-azzjonisti.

Stqarr illi b`ebda mod ma kien traskurat fil-qadi tal-inkariku tieghu. Min-naha tieghu huwa ma halla xejn barra meta lesta l-*winding up accounts.*

Fisser li meta nghata l-inkariku kien prezentat bi *statement of affairs* li kien juri l-qaghda finanzjarja tal-kumpannija. Huwa stharreg x`assi u xi djun kellha l-kumpannija sabiex wara li jigbor l-assi, ihallas id-djun u jaghlaq. Fil-kors tal-*winding up* qaghad attent li jagixxi dwar kull sitwazzjoni li ma kenitx rifles fl-*statement of affairs.*

Sahaq illi f`ebda stadju ma din il-klawsola giet ghall-konjizzjoni tieghu anke jekk ma ghamilx ricerki.

Kompla jishaq illi anke li kieku ghamel ricerki u l-klawsola partikolari rrizultat ma kenitx tidhol fl-*scheme of distribution ghax ma ghandhiex valur assenjat maghha* (kliem ix-xhud). Mil-lat ta` kontabilita` ma setghetx tinghata konsiderazzjoni billi kienet sprovvista minn valur. Li kieku nghata valur *a tempo vergine* u dak il-fatt kien imwarrab is-sitwazzjoni kienet tkun ben diversa.

Ikkonferma li l-*scheme of distribution* kienet accettata u ffirmata mill-azzjonisti kif jidher mid-dokumenti esebiti.

## III. <u>**L-Art. 300A tal-Kap. 386**</u>

Ir-rikorrent sejjes il-kawzali u t-talbiet abbazi tal-Art 300A tal-Kap 386 li jaqra hekk :-

*(1) Meta fil-kors tal-istralc ta` kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpannija tkun ghamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti taghha skond skema ta` distribuzzjoni u l-isem ta` dik il-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull kreditur li l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpannija ma tkunx giet sodisfatta jista`, b`rikors, jaghmel talba ghal dak li hu dovut lilu minghand l-azzjonisti tal-kumpannija pro rata ghall-ammont li jkun ricevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru hlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa :*

*Izda f`ebda kaz ma ghandu azzjonist ikun mehtieg li jikkontribwixxi ghal ammont li jkun izjed minn dak ricevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista` jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

## III. ***Locus standi***

Ir-rikorrent jikkwalifika bhala ***persuna interessata*** ghall-fini tas-subartikolu (1) billi rrizulta li kien azzjonista tal-kumpannija de qua ; qabel kienet xjolta kien l-uniku direttur kif ukoll il-*company secretary.*

## IV. **Gurisprudenza**

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet **"Cassar Pullicino noe vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et"** inghad hekk -

*... irid jigi assikurat li l-kaz ikun wiehed genwin sabiex ma jkunx hemm lok ghal abbuz jew ghal kolluzjoni bejn il-partijiet interessati. Azzjonisti ghandhom kemm ghandhom ishma ta` socjeta` m`ghandhomx jipprocedu ghal-likwidazzjoni u thassir ta` kumpannija b`leggerezza forsi anke bl-idea li jekk `il quddiem tinqala` l-htiega l-kumpannija tigi ravvivata. F`kaz ta` agir manifestament traskurat jew f`kaz ta` nuqqas ta` serjeta` da parti tal-azzjonisti, il-Qorti m`ghandhiex tkun hemm biex taghti rimedju ghan-nuqqasijiet ta` min kellu jagixxi mod iehor – salv dejjem f`kazijiet ta` pregudizzju ghal terzi. Sakemm ma hemmx pregudizzju ghal terzi, darba kumpannija tigi mhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji iridu jirrizultaw cirkostanzi genwini u eccezzjonali u mhux rizultat ta` semplici negligenza da parti tal-azzjonisti qabel ma kumpannija tigi ravvivata. Il-Qorti taqbel li r-rimedju m`ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq*

*kwalunkwe manifestazzjoni ta` traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta` socjetajiet kummercjali.*

Tirreferi wkoll ghal dawn is-sentenzi fost ohrajn :-

**<u>Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc)</u> :**

30 ta` Gunju 2020 :-
Mazzacano D`Amato et vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji et

16 ta` Dicembru 2019 :-
Xuereb et vs Registratur tal-Kumpanniji et

28 ta` Marzu 2019 :-
Gauci Maistre noe vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji et

**<u>Prim`Awla tal-Qorti Civili</u> :-**

26 ta` Gunju 2018 :-
Micallef vs Borg et

30 ta` Marzu 2017 :-
Hal Mann Construction Limited et vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji

31 ta` Jannar 2017 :-
Borg Barthet vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji

## V. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Kif tajjeb irrileva r-Registratur tal-Kumpanniji fir-risposta, din il-qorti taccetta li l-procedura skont l-Art. 300A tal-Kap. 386 hija ta` natura straordinarja u fil-fehma taghha hekk ghandha tibqa` titqies.

It-talbiet li jitressqu fl-ambitu ta` procedura ta` din ix-xorta m`ghandhomx jigu trattati *as a matter of course* izda ghandhom jitqiesu ghar-ragunijiet ghal kollox eccezzjonali li jsawwru dawk it-talbiet. Dan qieghed jinghad ghaliex dan il-procediment mhuwiex intiz li jkun *a rubber stamp procedure* fis-sens illi jservi semplicement sabiex isewwi zbalji jew nuqqasijiet li jkunu twettqu fil-konduzzjoni tal-istralc ta` kumpannija.

Premessa din il-linea ta` principju fl-interpretazzjoni tad-dritt, il-qorti jidhrilha gust u xieraq li tosserva mir-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji, jidher evidenti li ghalkemm kien ferm fuq ir-*raison d`etre* tad-disposizzjoni, fl-istess waqt ma hax posizzjoni pregudizzjalment opposta ghat-talbiet tar-rikorrent tant li ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-qorti mentri ghall-fini tal-modalita` tal-applikazzjoni tad-disposizzjoni f`kaz ta` akkoljiment insista gustament fuq l-applikazzjoni ta` termini stretti.

Abbazi tal-fatti u tac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

**Tqis li kien <u>spregudikat</u> ir-rikorrent li, wara li kien deciz li l-kumpannija tigi xjolta volontarjament, naqas li fl-i*statements of affairs* li nghata lill-istralcjarju ma jsemmi xejn dwar il-klawsola in kwistjoni.**

L-imgieba hija spregudikata mhux daqstant fuq livell intern izda ghaliex kellha mpatt negattiv fuq terzi.

Sabiex ikopri l-operat tieghu, l-istralcjarju rrileva li huwa ma kienx jaf bil-klawsola ghax hadd ma qallu biha. Pero` ma waqafx hemm anzi sostna li anke li kieku kien jaf biha xorta wahda ma kienx jaghtiha konsiderazzjoni fl-iskema ta` distribuzzjoni billi la fl-atti pubblici u lanqas wara ma nghatat valur.

Fl-udjenza tal-15 ta` Settembru 2020, id-difensur tar-rikorrent ghamel verbal fejn *inter alia* osserva li fil-kawza odjerna ma kienx qieghed jigi mputat xi nuqqas da parti tal-istralcjarju. Sahaq illi klawsoli bhal dik in kwistjoni, meta jsiru r-ricerki b'mod kollettiv, ikun difficli li jinqabdu, tant illi huma klawsoli li ssir taf bihom meta ssir ricerka *ad hoc* fuq it-titolu ta' proprjeta' specifika.

**Li kieku l-qorti kellha tillimita ruhha ghal apprezzament <u>superficjali</u> ta` dak mistqarr mill-istralcjarju, il-kompitu taghha fil-kawza odjerna kien ikun bil-wisq facli ghaliex kienet tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

Tghid dan ghaliex huwa evidenti mill-ewwel (1) subartikolu tal-Art 300A tal-Kap 386 illi, sabiex talba tinghata konsiderazzjoni, ir-rikors m`ghandux ikun propost biss minn *persuna nteressata* izda ghandu jirrigwarda ***<u>assi</u>*** tal-kumpannija li jkun thalla barra mill-iskema ta` distribuzzjoni.

Skont l-istralcjarju, il-klawsola ma setghetx titqies bhala ***<u>assi</u>*** ghaliex ma kellhiex valur.

**Li kieku l-qorti kellha taqta` ghad-dritt u tichad it-talbiet tar-rikorrent taf fic-cert li ma kienx se jbati r-rikorrent izda t-terzi, senjatament il-konjugi Victor u Alison Bajada.**

**Il-kwistjoni hadet <u>svolta</u> waqt il-gbir tal-provi meta xehdet Alison Bajada. Waqt id-deposizzjoni taghha, Alison Bajada xehdet illi sabiex jinghata permess skont il-klawsola de qua ntalbet is-somma ta` €10,000 li kienet sejra tithallas in kwantu ghal nofs minnhom u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-persuni li kienu sejrin jixtru minghandhom.**

Il-fondatezza tad-deposizzjoni ta` Alison Bajada ssib konferma fid-dokumenti li pprezenta waqt li kienet qeghda tixhed.

**Kienet tassew <u>svolta</u> ghaliex fejn il-klawsola waqt il-process tal-istralc ma nghatatx valur, in segwitu meta l-konjugi Bajada sabu ruhhom darhom mal-hajt intalbu jhallsu €10,000 u b`hekk il-klawsola akkwistat valur u allura saret *<u>assi</u>*.**

Fl-**<u>Oxford Dictionary of Accounting</u>** (Fifth Edition -2016 – OUP) ***<u>asset</u>*** hija mfissra kif gej :-

*In common terms any object, tangible or intangible, that is of value to its possessor. In most cases it either is cash* ***<u>or can be turned into cash</u>*** *... Most accounting bodies throughout the world would now define an asset as* ***<u>a source of (probable) future economic benefits obtained or controlled as a result of past transactions or events</u>****.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

**Il-valur ta` €10,000 hareg meta Alison Bajada kienet qeghda twiegeb ghal domandi in kontroezami mid-difensur tal-istralcjarju. Propju ghalhekk l-qorti baqghet skantata li kien se jkun hemm oggezzjoni min-naha tad-difiza tar-rikorrent sabiex il-valur ma jkunx jirrizulta bhala prova. Kienet il-qorti li ppermettiet li d-domanda ssir ghaliex kienet vitali u decisiva ghall-esitu tal-kawza.**

**Minn din il-kawza, tinsorgi sitwazzjoni ironika ghall-ahhar. Ir-rikorrent kien spregudikat li qabad u ghalaq il-kumpannija minghajr hsieb ghall-konsegwenzi li dik id-decizjoni seta` jkollha ghal persuni terzi li xtraw u akkwistaw minghand il-kumpannija snin qabel meta kienet ghadha topera biex finalment se spicca jibbenefika huwa ghaliex se jispicca jithallas €10,000.**

Il-qorti tishaq fuq dan l-aspett ghaliex kif irrizulta mill-verbal li sar fl-udjenza tal-15 ta` Settembru 2020 kien dikjarat mid-difensur tar-rikorrent illi fil-kaz li l-qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrent li kien se jigri huwa li tinfetah mill-gdid l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpannija, sabiex ikun kompriz id-dritt li johrog mill-klawsola in

kwistjoni, liema dritt jghaddi mbaghad ghand ir-rikorrent personalment, li mbaghad jittratta direttament mat-terzi.

**Abbazi tal-provi akkwiziti, il-qorti tghid li ghandha taghmel gustizzja mat-terzi li sfaw milquta sfavorevolment bl-agir tar-rikorrent, li ghandu jbati l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Ghall-mod kif svolga dan il-kaz partikolari, il-qorti hija tal-fehma li wasal iz-zmien ghal ripensament mill-awtoritajiet kompetenti tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 386 li jirregolaw il-procedura tax-xoljiment u stralc volontarju ta` kumpanniji sabiex ikun skansat kull pregudizzju, riskju jew detriment li l-procedura tista` tikkaguna lil terzi. Tirrakkomanda li dan isir mill-aktar fis ghar-raguni li filwaqt li fil-kaz odjern il-qorti rnexxielha ssib tieqa mnejn setghet tghaddi ghall-beneficcju tat-terzi, ghad jasal quddiemha kaz fejn dan ma tkunx tista` taghmlu.**

Ghalkemm tirrikonoxxi li ghandha zzomm fil-mira taghha l-isfond ghaliex saret il-procedura skont l-Art. 300A tal-Kap. 386, fl-istess waqt tqis bhala krucjali li zzomm bilanc sabiex tintlahaq il-finalita` ta` dak li l-legislatur ried jikseb b`dik id-disposizzjoni. Certament ma kienx il-hsieb tal-legislatur li jmur ghal *lettera morta* izda jfassal disposizzjoni li taghti rimedju effettiv fejn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hekk ikunu jiddettaw anke fuq bazi ta` gustizzja fil-milja taghha.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**1. Tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni ta`l-kumpannija Kaymed Limited li kienet registrata bin-numru C29196, billi jigi nkluz kull dritt relatat mal-klawsola u/jew kondizzjoni : "*No structural alterations may be carried out in the Penthouse except with the consent of an architect***

***responsible for the project itself and with the consent af the Vendor*" : li kienet inserita fil-kuntratt ta` bejgh ta` bejn il-kumpannija fuq riferita bhala venditrici u Victor (K.I. Nru. 449072M) u Alison (K.I. 0203181M) konjugi Bajada bhala kompraturi tas-7 ta` Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia.**

**2. Tordna l-intimat Jason Scicluna sabiex jerga` jassumi l-inkariku ta` stralcjarju tal-kumpannija fuq riferita fejn sa zmien xahrejn mil-lum ihejji skema ta` distribuzzjoni rettifikata fejn l-assi tal-kumpannija jkunu jinkludu d-dritt naxxenti mill-klawsola fuq riferita.**

**3. Tordna li sa zmien xahrejn mil-lum il-persuni li kienu azzjonisti tal-kumpannija fuq riferita jghaddu rizoluzzjoni gdida fejn tkun approvata skema ta` distribuzzjoni rettifikata skont dak li kien deciz fit-talba precedenti.**

**4. Tordna lill-intimat Jason Scicluna sabiex sa zmien xahrejn mil-lum bhala stralcjarju tal-kumpannija fuq riferita jipprezenta lir-Registratur tal-Kumpanniji skema ta` distribuzzjoni rettifikata flimkien mar-rizoluzzjoni skont ma kien deciz fit-talbiet precedenti.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien hmistax-il jum minn meta jkunu waslu ghandu, jaccetta l-iskema ta` distribuzzjoni rettifikata u r-rizoluzzjoni fuq riferiti u jaghmel kull jkun mehtieg minnu skont il-ligi.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**